# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Frar, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 71/08/2 AF**

**Bernardette mart Vincent Gatt, minnu legalment separata, u Christine mart Albert Scerri**

**v.**

**Alessandro *sive* Sandro Cassano u għal kull interess li jista' jkollu Martin Cassano**

1. Din is-sentenza hija dwar talba tal-konvenut Alessandro Cassano sabiex tisma' mill-ġdid appell maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2021 għax jgħid illi dik is-sentenza (a) applikat liġi ħażina (**Artikolu 811 (e) tal-Kapitolu 12)**; (b) għandha dispożizzjonijiet kontradittorji (**Artikolu 811 (i) tal-Kapitolu 12)**; u (ċ) kienet l-effett ta' żball

li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (**Artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12).**

2. B'rikors maħluf tal-25 ta' Jannar, 2008, l-atturi Bernardette Gatt u Christine Scerri kienu talbu lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddikjara li l-prelegat imħolli minn missier il-kontendenti, Alfred Cassano, lill-konvenut Sandro Cassano permezz tat-tieni artikolu tat-testment tas-26 ta' Awwissu 2003 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel u ċioè "kwalunkwe sehem li huwa kien jipposjedi f'jum mewtu, anke jekk dana jkun l-intier, mid-dar numri 81 u 82 f'St Juians Street, Birkirkara" ma jikkomprendix il-fond "Romeo" f'Misraħ it-Tiġieġ, Birkirkara kif fiżikament diviż mill-istess Alfred Cassano u sabiex konsegwentement tiddikjara li dan l-aħħar fond iddevolva skont il-preċitat testment lill-kontendenti kull wieħed u waħda minnhom fis-sehem ta' kwart ($^{1}/_{4}$) indiviż tan-nofs ($^{1}/_{2}$) indiviż, inkluż il-konvenut l-ieħor Martin Cassano.

3. Permezz ta' risposta maħlufa tal-15 ta' Frar 2008, Sandro Cassano eċċepixxa *inter alia* li l-prelegat imsemmi fit-Tieni Artikolu tal-aħħar testment ta' missieru tad-dar bin-numru 81 u 82, St. Julians Street, Birkirkara jinkludi l-fond "Romeo", f'Misraħ it-Tiġieġ, Birkirkara.

4. B'sentenza mogħtija fil-5 ta' Mejju 2016 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kkonkludiet hekk:

> "Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Alessandro Cassano, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-prelegat imholli minn Alfred Cassano lil konvenut Alessandro Cassano bit-tieni artikolu tat-testment datat 26 ta' Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel ma jikkomprendix il-fond "Romeo" f'Misrah it-Tigieg, Birkirkara kif fizikament diviz mill-istess Alfred Cassano.
>
> Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-fond "Romeo" f'Misrah it-Tigieg, Birkirkara, iddevolva, skond il-precitat testment, lill-atturi u l-konvenuti kollha fis-sehem ta' kwart (1/4) indiviz tan-nofs (1/2) indiviz (peress li n-nofs indiviz l-iehor ghadu jappartjeni lil Violet Cassano bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejna u zewgha Alfred Cassano) kull wiehed u wahda mill-kontendenti".[1]

5. Fis-17 ta' Mejju 2016 il-konvenut Sandro Cassano intavola appell minn dik is-sentenza bl-aggravju illi l-Ewwel Qorti ma qieset xejn mill-provi tal-konvenut u wkoll għaliex l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni żbaljata tad-dispożizzjoni testamentarja tal-prelegat "*de quo*".

6. B'sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2021 din il-Qorti ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant. Ir-raġunijiet li wasslu lil din il-Qorti tiċħad l-appell ġew imfissra bil-mod segwenti:

> "14. Ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ewwel aggravju tal-appellant. Il-fatt li l-ewwel Qorti siltet mill-provi in atti dawk il-provi li dehrilha li fuqhom kellha sserrah il-gudizzju taghha, ma jfissirx li ma qisetx il-provi mressqa mill-konvenut appellant. Kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-10 ta' Jannar, 2007, fil-kawza fl-ismijiet ***Carmen Lia v. Anthony Coreschi***:
>
>> "*Fil-kumpless, is-sentenza tipprovdi kwadru ta' dawk l-elementi sostanzjali li fuqhom il-Bord ibbaza l-konvinciment tieghu u ta' l-iter minnu segwit fl-apprezzament tal-provi biex wasal ghal konkluzjoni proprja. Kien **certament jirrientra fis-setgha diskrezzjonali tal-Bord dwar l-apprezzament tal-provi illi huwa jifforma gudizzju fuq l-***

[1] Fol 225 tal-proċess.

> ***attendibilita` u kredibilita` ta' certa xhieda invece ta' ohrajn jew li jiddetermina, fid-diskrezzjoni gudizzjarja tieghu, illi l-provi ta' l-appellanti kellhom jitqiesu insodisfacenti jew inattendibbli.*** *Kif taraha din il-Qorti, il-Bord ha gharfien ta' l-elementi kollha tal-provi prodotti, ta' naha u ta' ohra.* ***Jekk, imbaghad, hu deherlu li kellu jqieghed a fondament tad-decizjoni tieghu sors ta' prova ad eskluzjoni ta' ohra dan ma jfisserx illi ghaldaqshekk huwa okkupa ruhu minn provi parzjali biss****. Hi, anzi, il-fehma ta' din il-Qorti illi huwa l-istess appellanti li bl-appell tieghu qed jinsisti fuq certi provi, jaghtihom ri-elaborazzjoni personali tieghu fit-tentattiv li b' hekk jikkontrapponi l-valutazzjoni proprja ghall-parti razzjonali tas-sentenza. Taht dan il-profil din il-Qorti ma ssibx li tista' ticcensura lill-Bord li dan ma ghamelx gudizzju sew u serju tal-provi;*" (enfasi ta' din il-Qorti).

15. Applikati l-istess principji ghall-kaz in ezami, u kif inghad drabi ohra, huwa ritenut li l-fatt li l-gudikant li jiddeciedi l-kawza, juza d-diskrezzjoni tieghu sabiex mill-provi in atti, jqis dawk il-provi l-aktar attendibbli u idoneji li jwasslu ghall-konvinciment tieghu, huwa parti mill-uzu ta' diskrezzjoni li bih huwa moghni. Fl-ezercizzju ta' din is-setgha l-gudikant jista' jaccetta x-xhieda ta' xi whud u jwarrab jew jiskarta ohrajn u jsejjes il-gudizzju tieghu fuq certu provi, aktar milli ohra. Dan huwa l-ezercizzju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Dik il-valutazzjoni mwettqa minn gudikant tal-ewwel grad hija insindakabbli, sakemm tkun wahda ragonevoli u motivata sa fejn mibnija fuq provi rizultanti mill-process. Izda din il-Qorti ghandha s-setgha li tikkoregi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun zbaljat u tkun qieghda tabdika mir-responsabbilita` taghha jekk bhala Qorti tat-tieni grad, tonqos milli taghmel apprezzament awtonomu tal-fatti. Isegwi li huwa mehtieg li din il-Qorti tidhol fil-qofol tal-mertu tat-tieni aggravju sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha.

[...]

19. Ma jidhirx li jinsab kontestat bejn il-kontendenti fil-kawza li, l-fond li jgib in-numri 81 u 82, Triq San Giljan, Birkirkara, flimkien mal-gnien retrostanti li kellu access ukoll minn Sqaq it-Tigieg, f'Birkirkara, kien originarjament mixtri minn missier il-kontendenti fil-kawza bhala fond wiehed, li fuq in-naha ta' wara tal-gnien kien hemm grada wkoll tal-hadid, kif jirrizulta mir-ritratti esebiti in atti, kif ukoll originarjament kien hemm xi kmamar ghall-ghodda fuq in-naha ta' wara tal-fond. Eventwalment tressqet applikazzjoni quddiem l-Awtorita` ghall-Ippjanar sabiex jitnehhew l-istrutturi perikolanti fuq in-naha ta' wara u jinbnew mill-gdid da parti ta' missier il-kontendenti fil-kawza (ara fol.98 sa 104 tal-process).

[...]

20. [...] Fil-fehma ta' din il-Qorti, minn qari semplici ta' dan l-artikolu tat-testment in ezami, qajla jista' jinghad li huwa car li ghandu jittiehed li l-fond fuq it-tarf l-iehor huwa nkluz fil-legat in ezami, kif jippretendi l-appellant.

21. Anzi, meta din il-Qorti tqis il-kliem li gie adoperat fil-kuntratt t'akkwist meta d-decujus akkwista l-istess proprjeta` fl-4 ta' Gunju,1967, fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt, jirrizulta li jinghad li:

> *"…Alfred Cassano li jaccetta u jixtri d-dar, il-garaxx u gnien retropost, f'Birkirkara, St' Julian's Street, numru sebghin u wiehed u sebghin, b'bieb fil-gnien fuq Sqaq it-Tigieg"*.

Ma tantx jista' jinghad li d-deskrizzjoni fiz-zewg kuntratti hija uniformi, peress li filwaqt li fil-kuntratt t'akkwist jinghata certu dettall dwar l-estent ta' proprjeta` nkluza fil-bejgh, mhux l-istess jista' jinghad li jirrizulta mid-dizpozizzjoni testamentarja.

22. Min-naha l-ohra, ghalkemm huwa minnu li permezz tal-kuntratt tad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-komparenti assenjaw lil xulxin in piena proprjeta` "in-nofs indiviz tad-dar Birkirkara, Saint Julian's Street, numri wiehed u tmenin (81) u tnejn u tmenin (82)", wiehed ma jistax jinjora l-fatt li dak iz-zmien li sar dak il-kuntratt fl-1996, id-decujus kien jghix f'postijiet differenti separatament minn fejn kienet tghix il-familja tieghu. Mill-atti jirrizulta fic-cert li missier il-kontendenti fil-kawza kien jghix fil-fond numru 14, Triq Santa Maria, Had-Dingli, tal-inqas sa' April, tas-sena 2003, mentri mill-applikazzjoni maghmula mid-decujus mal-ufficcju elettorali fl-20 ta' Gunju, 2003, jirrizulta li Alfred Cassano applika sabiex jinfurmahom li huwa mar joqghod f'"Romeo", Misrah it-Tigieg, Birkirkara (ara xhieda t'Emerenzjana Agius u kopji esebiti minnha tar-registru elettorali u tal-applikazzjoni ghall-bidla fl-indirizz ta' fejn wiehed joqghod a fol. 61 sa 65 tal-process). Kwindi ghalkemm jista' jinghad li l-fond fid-data tal-kuntratt tad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fl-1996, kif ukoll meta saret r-Registrazzjoni mar-Registru tal-Artijiet u l-Applikazzjoni mal-Awtorita` tal-Ippjanar fl-1998, (ara Dok AC 13 u Dok. AC 14 a fol. 91 u 92 tal-process, kif ukoll fol. 100) kien jitqies quid unum, mhux l-istess jista' jinghad minn Gunju, tas-sena 2003 'il quddiem, peress li jirrizulta li effettivament d-decujus beda jghix proprju fil-fond "Romeo", tant li l-istess testment maghmul minnu, jirrizulta li proprju sar: "maghmul, moqri u pubblikat in segwitu ghad-debita cerzjorazzjoni skond il-ligi f'Malta, Birkirkara, Sqaq it-Tigieg, fil-fond bla numru jismu "Romeo"…". Kwindi meta sar it-testment ta' missier il-kontendenti fil-kawza, jirrizulta ppruvat li huwa kien qieghed proprju jghix f'dan il-fond. Il-fatt li missier il-kontendenti fil-kawza kien qieghed jghix f'dan il-fond jinsab korroborat ukoll mix-xhud David Portelli.

23. Il-fatt li jhalli lil din il-Qorti perplessa huwa l-fatt li fid-dikjarazzjoni causa mortis li saret fil-11 ta' Marzu, 2005, fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, (Dok. AC17 a fol. 94 et sequitur tal-process), li ghaliha dehru ulied id-decujus, fejn proprju jinghad li thalla lill-konvenut appellant b'titolu ta' prelegat, sehmu ta' nofs indiviz mid-dar Birkirkara, Saint Julian's Street numri wiehed u tmenin u tnejn u tmenin (81 u 82), bl-obbligu li fi zmien hames snin mid-data tal-mewt tad-decujus ihallas lil kull wiehed minn hutu s-somma ta' Lm17,000 u li l-erbat ahwa gew

nominati b'eredi universali tad-decujus. F'dak l-istadju, hadd ma qajjem il-kwistjoni tal-fond "Romeo" retrostanti id-dar in kwistjoni bhala fond separat li kellu jifforma parti mill-wirt u mhux parti mill-legat imholli lill-konvenut. Fil-fatt kien il-konvenut appellant li hallas it-taxxa fuq din il-proprjeta`, peress li l-eredi ma hallsu xejn fuq il-bqija tal-wirt. Izda din il-prova ma tixhetx dawl fuq ir-rieda tat-testatur *per se*.

24. Huwa kurjuz il-fatt li hadd mill-kontendenti fil-kawza ma ressaq lin-nutar Spiteri Maempel, li kien in-nutar tal-familja ghal numru ta' kuntratti esebiti in atti, inkluz id-dikjarazzjoni *causa mortis* u specjalment ghat-testment sabiex possibilment jixhed u jitfa' d-dawl fuq ir-rieda tat-testatur. Min-naha l-ohra, ma tqisx ir-relazzjoni guramentata da parti tal-perit Johann Farrugia daqstant relevanti sabiex jigi determinat l-estent tal-prelagat skont ix-xewqa tat-testatur. Jigi osservat ukoll li ghalkemm huwa minnu li l-atturi ma semmew xejn fid-dikjarazzjoni *causa mortis*, jibqa' l-fatt li t-talba attrici hija intiza sabiex tinghata interpretazzjoni tar-rieda tat-testatur meta permezz tat-testment tieghu tas-26 t'Awwissu, 2003, huwa halla bi prelegat id-dar 81 u 82, Saint Julian's Street, Birkirkara.

25. [...] Tabilhaqq, fejn il-kliem fit-testment huwa car, ghandha tinghata interpretazzjoni letterali. [...] Madanakollu, kif osservat ukoll mill-ewwel Qorti:

> "*Meta legat ghandux jigi ammess jew eskluz, l-interpretazzjoni ghanda tkun favur il-legatarju, izda <u>meta tkun dwar l-estensjoni jew kwantita' tal-legat l-interpretazzjoni ghanda tkun favur l-eredi</u>." (Carmelo Said et v. Nutar Dr Giuseppe Cauchi– Appell Civili - 20 t'Ottubru 1958; Giovanna Carabott v. Generoso Carabott et – Prim'Awla - 29 ta' Novembru 1947.)*

26. Kif inghad qabel, hija l-fehma ta' din il-Qorti li d-dispozizzjoni testamentarja mhix cara fl-estent tal-prelegat imholli lill-konvenut, kwindi huwa mehtieg li tinghata l-interpretazzjoni taghha ta' dak li ried it-testatur. Huwa ritenut li meta t-testatur halla b'titolu ta' prelegat, id-dar 81 u 82, fi Triq San Giljan, Birkirkara lill-konvenut, bl-obbligu pero` li, l-imsemmi prelegatarju jhallas lill-hutu s-somma ta' Lm17,000 lil kull wiehed mit-tliet uliedu l-ohra, hu evidenti li t-testatur ried li fir-rigward ta' dan il-fond, filwaqt li l-konvenut jircievi dan il-prelegat in natura, t-tliet ahwa l-ohra jircievu sehemhom fi flus minflok in-natura u dan jaghmel tajjeb ghalihom il-prelegatarju. F'din id-dispozizzjoni testamentarja, huwa car li dan il-prelegat mhux ta' natura remuneratorja, izda din il-Qorti tqis li t-testatur ma riedx jaghmel preferenza bejn uliedu. Kunsidrata l-istima ppreparata mill-perit tekniku appuntat mill-ewwel Qorti tal-fond intier 81 u 82, fi Triq San Giljan, Birkirkara, inkluz il-gnien kollu sal-konfini ma' Sqaq it-Tigieg tal-kejl superficjali ta' 1,430 metru kwadru, fl-ammont ta' €650,000, mentri l-fond 81 u 82, fi Triq San Giljan, Birkirkara, inkluz dik il-parti sar-recint (fence) fuq arja ta' kejl superficjali ta' cirka 704 metru kwadru, fl-ammont ta' €475,000, tqis aktar verosimili li t-testatur ma riedx jinkludi l-parti retrostanti ta' 726 metru kwadru, li tifforma parti mill-fond "Romeo" fil-prelegat moghti lill-konvenut. Isegwi li kunsidrati l-valuri moghtija mill-perit tekniku tal-Qorti,

> tara aktar verosimili l-interpretazzjoni moghtija mill-atturi fil-kawza, minn dik tal-konvenut. Isegwi li ghal ragunijiet kemmxejn differenti, din il-Qorti, wara li gharblet mil-gdid il-provi kollha in atti mressqa mill-kontendenti fil-kawza, tasal ghall-istess konkluzjonijiet bhall-Qorti ta' qabilha u ghalhekk ma tarax raguni valida ghala tvarja s-sentenza appellata".

7. Il-konvenut issa, b'rikors tal-21 ta' Jannar 2022 illi għalih il-konvenut Martin Cassano wieġeb fil-11 ta' Frar 2022 u l-atturi wieġbu fis-16 ta' Frar 2022, jitlob illi s-sentenza ta' din il-Qorti fuq ċitata għandha titħassar, u l-appell jinstema' mill-ġdid, għax jikkontendi li s-sentenza (a) applikat liġi ħażina skont l-**Artikolu 811 (e) tal-Kapitolu 12**; (b) għandha dispożizzjonijiet kontradittorji u dan a bażi tal-**Artikolu 811 (i) tal-Kapitolu 12**; u (ċ) kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża kif jgħid l-**Artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12**. Għaldaqstant talab lil din il-Qorti:

> "(1) thassar, tannula u tirrevoka s-sentenza impunjata fl-ismijiet "**Bernardette mart Vincent Gatt, minnu legalment separata, u Christine mart Albert Scerri v. Alessandro sive Sandro Cassano u ghal kull interess li jista jkollu Martin Cassanto", Rikors Guramentat 71/08**, deciza minn din il-Qorti fis-27 t'Ottubru 2021; u
>
> (2) tordna s-smigh mill-gdid u r-ritrattazzjoni ta' l-Appell".[2]

8. Inżamm smigħ fis-27 ta' Ottubru 2022 u t-talba għal ritrattazzjoni tħalliet għal-lum għas-sentenza.

[2] Fol 258 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Jibda biex jingħad li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju. Għalhekk ir-raġunijiet stabbiliti fil-liġi li jagħtu lok għall-akkoljiment ta' talba għal ritrattazzjoni għandhom jingħataw tifsira restrittiva, mingħajr tiġbid jew analoġija.[3] Huwa ben saput li sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*.

10. Il-konvenut Alessandro Cassano jibda billi jsejjes it-talba tiegħu għal ritrattazzjoni fuq **Artikolu 811 (e)** tal-Kap 12 u jressaq tliet aggravji. L-ewwel wieħed huwa li l-Qorti applikat ħażin il-liġi fir-rigward l-oneru tal-prova. Ifisser ir-raġunijiet tiegħu hekk:

> "l-ewwel Qorti messa applikat fl-intierezza r-regola u l-principju tal-procedura illi min jallega jrid jipprova u illi jezisti, kif huwa komenement saput principju ta' oneru ta' prova li jesigi illi ghandu jkun hemm process ta' ragunament b'rendikont car ta' l-iter logiku ta' hsieb, mhux biss fuq bazi ta' probabbilita' jew kwazi kwazi kongettura ta' seta' kien. . [...] L-esponent qed jghid illi l-applikazzjoni tal-ligi hazina saret fis-sens illi l-ligi, principji, regoli u massimi li kellhom jigu applikati ma gewx applikati jew ma gewx applikati fl-interita taghhom, b'mod allura li ssir applikazzjoni tal-ligi l-hazin".[4]

[3] Ara **Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-10 ta' Ottubru 2003. Ara wkoll **Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-12 ta' Marzu 2019.
[4] Fol 256.

It-tieni aggravju huwa li l-Qorti applikat ħażin ir-regoli u massimi ta' interpretazzjoni fis-sens illi "il-Qorti żvijat ruħha meta ma qagħditx għall-prinċipju, regola u massima illi fejn il-kliem u l-espressjonijiet huma ċari, ma hemmx lok għall-interpretazzjoni."[5] It-tielet aggravju li ressaq taħt din il-kappa hu li l-Qorti naqset milli tispjega għaliex għażlet it-triq interpretattiva illi l-miżien għandu jxaqleb favur l-eredi.

11. Artikolu 811 (e):

> "Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, [...]
>
> (e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;
>
> għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni";

12. Ingħad bosta drabi li talba ta' ritrattazzjoni taħt dan il-paragrafu timplika użu ta' artikolu tal-liġi flok ieħor għall-fatti speċi ta' dak il-każ[6]. Fi kliem ieħor, ikun hemm applikazzjoni tal-liġi ħażina meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti li jirriżultaw u l-liġi li kellha tapplika għal dawk il-fatti; ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-liġi ħażina meta l-Qorti tkun applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ.[7] Għalhekk

[5] *ibid.*
[6] Ara **Paul Piscopo et v. Kontrollur tad-Dwana** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-15 ta' Frar 2022.
[7] Ara **PL Joseph Zammit noe v. Michael Fenech pro et noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-31 ta' Awwissu 2021.

biex talba ta' ritrattazzjoni tintlaqa', irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza tagħha.

13. Sabiex jista' jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu valutati jew interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata.[8]

14. Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza **Commonwealth Educational Society Ltd v. Adriana Camilleri** mogħtija fit-2 ta' Ġunju 2003 irriteniet li:

> "Il-kazistika taghna fuq din id-disposizzjoni hi wahda abbundanti u, kif ser jintwera, nkwadrata b'dawn ir-riflessjonijiet alkwantu restrittivi:
>
> > (i) "*Hemm biss applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gusta ghal dawk il-fatti*" – "**Carmelo Busuttil –vs- Mary Gauci**", Appell, 24 ta' Jannar 1997;
> >
> > (ii) *Bhal fil-kaz prezenti, "ir-rikorrenti qeghda ssostni li hi l-konvinzjoni taghha li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin. Dan pero` mhux bizzejjed biex jeradika d-dritt ghal ritrattazzjoni. Hi trid tipprova bil-premessa taghha li l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet taghha b'mod hazin*" – (**Vol LXXVI pII p196**; "**Reginald Micallef et noe –vs- Godwin Abela et noe**", Appell Kummercjali, 3 ta' Gunju 1994).
> >
> > (iii) "*L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina ta' ligi tikkonkreta ruhha meta hemm vjolazzjoni manifesta tal-ligi, u mhix soggetta ghall-interpretazzjoni, razjocini jew argomenti*: (**Vol VII p526**; **Vol XXIX pI p795**; "**Dorothy Xuereb –vs- George Xuereb**", Appell, 20 ta' Jannar 1982; "**Fedele Dali –vs- Coronate Sare`**", Appell, 20 ta' Frar 1996; "**Anthony J. Camilleri et –vs- Avukat Dottor Victor Ragonesi noe**", Appell, 28 ta' Frar 1997 u "**Joseph Tabone noe –vs- John Mousu' pro et noe**", Appell, 12 ta' Dicembru 2001, fost bosta ohrajn).

[8] Ara **Saviour Farrugia et. v. it-Tabib Dr. George Jude Taddeo Farrugia et.** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-23 ta' April 2012.

15. **Artikolu 816 tal-Kapitolu 12** jipprovdi illi r-ritrattand għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata.

16. Fil-każ odjern il-konvenut ritrattand jgħid illi s-sentenza ma applikatx sew il-liġi, mhux li applikat liġi flok oħra. Jissottometti illi l-Qorti (a) interpretat ħażin il-liġi dwar l-oneru tal-prova, għax m'hemmx proċess ta' raġunament b'rendikont ċar tal-iter loġiku ta' ħsieb, mhux biss fuq bażi ta' probabbilità, (b) applikat ħażin ir-regoli u massimi ta' interpretazzjoni fis-sens illi fejn huwa ċar m'hemmx lok għall-interpretazzjoni, u (ċ) naqset milli tispjega għaliex il-Qorti għażlet it-triq interpretattiva illi l-miżien għandu jxaqleb favur l-eredi.

17. Huwa mill-aktar evidenti illi r-ritrattand qed isostni li fis-sentenza attakkata hemm interpretazzjoni ħażina tal-liġi u mhux applikazzjoni ta' liġi flok oħra. Tant dan huwa l-każ, li jonqos milli jsemmi l-liġi li suppost skont hu kien imissha ġiet applikata flok dik li applikat il-Qorti, proprju għaliex mhuwiex qiegħed jgħid li ġiet applikata liġi flok oħra. Ir-ritrattand jidhirlu li l-Qorti ma applikatx sew il-prinċipji legali minnu ċitati, argument li mhuwiex raġuni għal ritrattazzjoni taħt l-Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalhekk ladarba Sandro Cassano ma semma l-ebda artikolu tal-liġi, it-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni ma

tistax tiġi mistħarrġa għaliex jonqos fiha element essenzjali li l-liġi trid biex din tkun tista' tiġi meqjusa[9].

18. **L-aggravju taħt il-paragrafu (e) għalhekk ma huwiex kif trid il-liġi u la jista' jitqies u wisq anqas jintlaqa'.**

19. Imiss jiġi meqjus it-tieni aggravju li fuqu jsejjes it-talba tiegħu r-ritrattand, **Artikolu 811 (i) :**

> "(i) jekk fis-sentenza jkun hemm dispożizzjonijiet kontra xulxin;"

20. Ir-ritrattand jikkontendi li fis-sentenza attakkata hemm dispożizzjonijiet kontra xulxin: "min-naħa, hemm aċċettazzjoni tal-prinċipju illi fejn it-testment huwa ċar, għandha tingħata interpretazzjoni litterali, iżda, fl-istess waqt paragrafu wara meta legat għandux jiġi ammess jew eskluż, l-interpretazzjoni tkun favur il-legatarju."[10].

Huwa miżmum illi l-kontradizzjoni, sabiex tagħti lok għal ritrattazzjoni, jeħtieġ li tirriżulta fid-dispożittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, għalkemm dawn għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni sabiex jiġi deċiż jekk fil-verità hemmx dispożizzjonijiet

---

[9] Ara **Rose Gauċi et v. Mr. Donald Feliċe et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-8 ta' Ottubru 2009, **Emanuel Falzon et v. Alfred Fenech et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-21 ta' Mejju 2019, **PL Joseph Zammit noe v. Michael Fenech pro et noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-31 ta' Awwissu 2021 u **Frank Calleja v. Charles Paul Attard** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-8 ta' Novembru 2022.

[10] Fol 257 tal-proċess.

kontra xulxin jew le.[11] Intqal ukoll illi l-kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippreġudika l-esekuzzjoni tas-sentenza.[12]

21. Ir-ritrattand jallega li hemm kontradizzjoni, mhux fil-parti dispożittiva tas-sentenza, iżda fil-motivazzjoni tal-istess. Dan l-aggravju hu bla mertu. Ma hemm ebda kontradizzjoni fid-dispożittiv tas-sentenza ta' din il-Qorti. Minn qari tad-dispożittiv tas-sentenza inkontestazzjoni jirriżulta ċar li, din il-Qorti ċaħdet l-appell fil-mertu u kkonfermat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2016. Din il-Qorti tikkonkludi li d-dispożittiv tas-sentenza huwa ċar u konsistenti, mingħajr ebda ħjiel ta' kontradizzjoni.

22. Verament, lanqas fil-motivazzjoni ma hemm kontradizzjoni, għax il-Qorti rraġunat illi hemm żewġ fondi, mhux wieħed, u l-legat huwa ta' fond wieħed, mhux tnejn. Interpretazzjoni loġika ta' dispożizzjoni testamentarja ċara.

23. **L-aggravju tar-ritrattand imsejjes fuq Artikolu 811 (i) hu għalhekk miċħud.**

[11] Ara **Saviour Farrugia et. v. it-Tabib Dr. George Jude Taddeo Farrugia et.** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-23 ta' April 2012.
[12] Ara **Salvino Testaferrata Moroni Viani et v. David Vella noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 ta' Settembru 2004.

24. L-aħħar aggravju tar-ritrattand huwa msejjes fuq **Artikolu 811 (l)** u ċioè li s-sentenza kienet effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

> "(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.
>
> Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza".

25. L-aggravju huwa mfisser hekk:

> "l-qorti kkummentat f'paragrafu 24 illi "huwa kurjuz" kif in-Nutar Gerard Spiteri Maempel qatt ma tressaq jixhed. Fil-fatt huwa xehed u rega xehed meta ipproduca pjanta quddiem l-Assistent Gudizzjarji. Forsi din ma kenitx l-unika motivazzjoni jew raguni li l-Qorti tat piz, izda bhala fatt jidher illi fil-kumment taghha, l-Qorti intendiet illi seta' jkun mod iehor kieku in-Nutar gie prodott u mistoqsi ghal kjarifiki".[13]

26. Dwar x'għandu jkun l-iżball li jrid l-Artikolu 811(l) din il-Qorti fis-sentenza tagħha mogħtija fis-26 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet **Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri** qalet hekk:

> "29. [...] Il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema żball irid ikun biex iwassal ħalli sentenza tista' titħassar. Tali żball irid joħroġ mis-sentenza nnifisha u jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-supposizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza;
>
> 30. Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt ... Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti

[13] Fol 257 tal-proċess.

> nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant;
>
> 31. Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża irid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie ikkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata".[14]

27. Fil-każ odjern ma jistax jingħad illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Ottubru 2021 kienet imsejsa fuq "żball" fis-sens kif irid Artikolu 811 (l). Il-konvenut jikkontendi li seħħ żball ta' fatt peress li fis-sentenza attakkata ntqal li n-Nutar Gerard Spiteri Maempel qatt ma tressaq jixhed mentri fil-fatt jirriżulta li kien tela' jixhed.

28. Għalkemm ir-ritrattandi għandu raġun jgħid li n-Nutar Spiteri Maempel fil-fatt tela' jixhed f'seduta miżmuma mill-assistent ġudizzjarju fit-3 ta' Ġunju 2010[15], jirriżulta anke minn qari tax-xhieda tiegħu illi kull ma għamel kien li esebixxa kopja tal-*causa mortis* tal-11 ta' Marzu 2005.

29. Huwa ċar illi l-osservazzjoni li għamlet din il-Qorti fis-sentenza attakkata illi n-Nutar Spiteri Maempel ma xehedx, għalkemm ma taqbilx preċiżament ma' dak li effettivament seħħ, ma twassalx li s-sentenza

---

[14] Ara wkoll Ara **Salvino Testaferrata Moroni Viani et v. David Vella noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 ta' Settembru 2004.
[15] Fol 141 tal-proċess.

attakkata kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti, anke għaliex effettivament in-Nutar ma ġie mistoqsi xejn dwar ċirkostanzi li setgħu tefgħu dawl dwar l-intenzjoni tat-testatur fir-rigward tal-mertu tal-kawża. Kif rajna l-Qorti tat diversi raġunijiet li wasluha tiċħad l-appell li jkomplu jsaħħu l-fehma ta' din il-Qorti illi s-sentenza attakkata ma kinitx l-effett ta' żball li jidher mill-atti.

30. Għalhekk issib li lanqas il-kawżali msejsa fuq Artikolu 811 (l) ma hija mistħoqqa.

31. Il-Qorti għalhekk tiċħad it-talba tal-konvenut Alessandro Cassano għat-tħassir tas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ottubru, 2021, bl-ispejjeż ta' dan l-episodju kontra l-istess konvenut Alessandro Cassano.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm